MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2010

Talba Numru. 911/2008

**Emanuel Grech ID 45360M**

**vs**

**Anthony Camilleri**

**It-Tribunal,**

**Ra** li dan l-Avviz jirrigwarda habta bejn zewg opri tal-bahar li grat barra l-ponta ta' Tigne f'Lulju 2006 konsistenti filli dghajsa/yacht li kienet taht il-kmand tal-attur, li kien wahdu abbord, habtet mad-dghajsa tal-konvenut li mieghu kellu tnejn minn nies ohra. Dawn it-tlieta spiccaw fil-bahar u ttellghu abbord l-opra tal-attur mentri d-dghajsa tal-konvenut sofriet hsara u kwazi gherqet u giet salvata mill-gharqa billi l-attur irmunkaha lejn M'Xett.

**Ra** li fl-Avviz tieghu l-attur qed jitlob hlas ta' servizz ghall-irmunkar imsemmi – liema servizz "kien jinkludi tlugh tad-dghajsa mill-bahar u *towing* sal-pitch tal-waterpolo, Ta' Xbiex". Dan it-towing sar bid-dghajsa tal-attur.

**Ra** r-Risposta tal-konvenut fejn qal li ma ghandu jaghti xejn lill-attur. Dan kien obligat jaghmel l-irmunkar imsemmi biex jimminimizza d-danni minnu kagunati meta bi traskuragni u nuqqas tat-tharis tar-regolamenti hu dahal bid-dghajsa tieghu fuq dik tal-eccipjent li nqalbet, bi tlieta minn nies (wiehed minnhom ma jafx jghum) jisfghu fil-bahar u dana waqt li kienu weqfin qed jistadu.

Il-konvenut zied jghid li l-attur kien gie kundannat ihallas id-danni li dawn in-nies sofrew u l-insurance tieghu accettat li l-attur kellu tort u hallset l-ispejjes tad-danni. Saret riferenza ghall-kawza relativa 494/08/RFA.

**Provi**

**Ra** x-xhieda moghtija li fil-qosor hi kif gej:-

A. **<u>L-attur Em. Grech</u>** qal li meta saret il-kollizjoni msemija hu offra li jwassal l-art lit-tlieta li kienu fuq id-dghajsa tal-konvenut u jirmonka d-dghajsa ta' dan lejn l-art. Dan gie minnhom accettat, "pero' ghidtilhom li jien dan kont ser naghmlu bil-hlas u huma qablu pero nispecifika li l-ammont tal-hlas ma konniex qbilna fuqu. Dak il-hin ma tkellimniex fuq ammont".

Waqt li d-dghajsa tal-attur garrbet hsara minima, dik f'tal-konvenut (ta' cirka 13-il pied) kienet konsiderevoli. Dahlilha hafna ilma u kienet nofsha fl-ilma. Hu battlilha hafna ilma (bl-ghajnuna wkoll tan-nies l-ohra) permezz ta' bramel u rnexxielu jhaddem il-mutur u dana ghamlu wara li kien ga rmunkaha ghal gol-port ta' M'Xett. Ghall-irmunkar uza habel li kellu abbord.

Bhala quantum hu jippretendi dak muri fid-Dok A fejn "the cost of the salvage operation" gie stmat €3,200. Dan id-dokument hu rilaxxat minn nies "midhla tas-settur tad-dghajjes". Hu kien baghat il-kont lill-konvenut li la hallsu u anqas kellmu dwaru.

Kontro-ezaminat, qal li hu baqa diehel fuq l-opra tal-konvenut waqt li kienu weqfin jistadu. Waqfu f'post fejn

ma setghux jieqfu. L-Insurance tieghu (tal-attur) hadet ir-responsabilta' tal-kollizjoni ghalkemm jidher li ghad hemm nuqqas ta' qbil dwar il-quantum mitlub mill-konvenut. Jammetti li fil-proceduri li saru kontrih hu gie kundannat jikkompensa ghall-oggetti li tilfu l-konvenut u shabu.

B. **<u>Joseph Cassar</u>** li kien mal-konvenuti xehed permezz ta' affidavit li dwaru qatt ma gie kontr-ezaminat. Dwar dak li gara bhala ncident, in sustanza qabel mal-attur. Specifika li huma kienu weqfin. Qal li minn xi mil boghod ra lil yacht tal-attur gej ghal fuqhom "izda dejjem ikun hemm mil u ma ssirx habta". Meta d-distanza saret daqs mitt pied irrejalizzaw li l-yacht ma kellu *command* ta' hadd, qabadhom paniku u bdew jghajjtu. Dan baqa gej u tela fuqhom u d-dghajjsa taghhom inqalbet. Hu kkonferma l-hlas li ghamlitilhom l-*insurance* tal-attur.

Meta x-xhud staqsa lill attur ghala ma kienx fuq id-*deck*, wiegbu li sama hoss fil-makna u nizel isfel biex jara x'gara. Imbaghad sar l-irmunkar u t-twassil sal-art.

C. **<u>Il-konvenut</u>** Ant. Camilleri fis-sustanza kkonferma l-fatti li semmew mill-attur u x-xhud Cassar (il-persuna l-ohra li kienet mal-konvenut hi mejta). Qal li huma talbu lill-attur icempel ghall-ghajnuna u dan wiegeb "ghalfejn qed thabbel rasek, issa hawn jien u niehu hsieb kollox jien". Meta hu qal lill-attur "ara xi grali, kif gherrieqtli kollox", l-attur wiegeb "tinkwieta xejn, jien ghalhekk inhallas l-insurance".

Huma kienu jistadu fil-ponta ta' Tigne' 'l barra, jigifieri, 'l barra mill-*breakwater*. Kienu fl-"open-sea" u mhux fil-bokka tal-port waqt li l-attur kien hiereg mill-marina tal-Imsida. Hu kien qal lill-attur biex icempel ghall-ghajnuna u dan qallu li ma kienx hemm ghalfejn. **<u>Ma sar ebda diskors dwar flus jew hlas ghall-irmunkar da parti tal-attur</u>** (sottolinear tat-Tribunal)

**SOTTOMISSJONIJIET**

It-Tribunal qies in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difensur tal-attur u dik tad-difensur tal-konvenut.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-fatti tal-kaz irrizultaw abbundantement. Il-yacht tal-attur baqa diehel fuq id-dghajsa wieqfa tal-konvenut u dan sar meta l-attur kien isfel jara dwar xi hoss fil-makna u sadattant il-yacht tal-attur baqa ghaddej wahdu. Spicca biex tela fuq id-dghajsa u qalibha bit-tlieta minn nies ta' fuqha jispiccaw il-bahar.

Hu ammess mill-attur stess li hu, mal-kumpaija assikuratrici tieghu assuma responsabilta' ghall-incident tant li din ikkumpensat (ghall-hsara li garrbu) sew lill-konvenut kif ukoll lil min kellu mieghu.

Fl-AVVIZ prezenti l-attur qed jitlob hlas ghal servizz ta' rimunkar, servizz li jinkludi “tlugh tad-dghajsa mill-bahar” bla ma specifika quantum izda waqt is-smiegh tal-provi ressaq id-Dok A (a fol 18) li hu quantum ta' €3200 ghal operazzjoni ta' *salvaged wreck*.

Ta min jinnota li waqt il-gbir tal-provi l-attur qed jipprova jitfa xi htija ghal dak li sar fuq l-konvenut, mentri hu assuma responsabilta' shieha mal-Insurance tieghu ghal dak li gara. Il-kumpanija assikuratrici ma agixxietx minkejja xi nuqqas ta' qbil jew minkejja xi divjet formali da parti tal-assikurat taghha. Jigifieri altru milli kif irid isostni issa l-attur li l-incident gara minhabba xi nuqqas jew nuqqasijiet da parti tal-konvenut. L-incident gara unikament tort tal-attur li ma rax dak li kien “in plain view” u nafu ghaliex gara dan: ghax l-attur nizel isfel mentri “on deck” ma kien hemm hadd biex jara fejn kien sejjer il-yacht. Dan kien il-“proximate cause” tal-incident. Din hi r-rabta bejn kawza u effett, bla ma tirrizulta ebda htija da parti tal-konvenut. Il-principju ta' *volenti non fit injuria* u dak ta' min kellu l-ahhar opportunita' li jevita ncident siapure rinfaccjat minn nuqqas ta' haddiehor, hawn ma jirrizultawx bhala linja difensjonali li jista jgawdi minnha l-attur.

Meta l-attur irrimedja filwaqt biex imminimizza d-danni kagunati minnu stess anzi ma accettax li tisejjah l-

ghajnuna ghax deherlu (u rnexxielu) jirrimedja hu stess ma jistax imbaghad jitlob kumpens ghal *salvage*. F'dan il-kaz partikulari il-fatti ma jinkwadrawx ruhhom f'operazzjoni ta' salvage li tintitola lis-salvor ghal kumpens.

**DECIZJONI**

In vista ta' dan kollu hawn fuq mfisser it-Tribunal jiddeciedi billi jichad dak li talab l-attur, bl-ispejjes kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------